MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**AUDREY DEMICOLI**

Seduta ta' l-14 ta' Ottubru, 2011

Numru. 1170/2010

**Il-Pulizija**
**Spettur Robert Vella**
**vs**
**Patricia Ali**
**Claudine Montesin**

Il-Qorti;

Rat li l-imputati Patricia Ali nee’ Montesin ta’ 40 sena bint Arthur Montesin u Mary nee’ Abela, imwielda Rahal Gdid nhar il-20 ta’ April 1970 u residenti gewwa fond Blokk B, Flat 2, Triq is-Sebh, Marsa u detentrici tal-karta tal-identita’ numru 195570(M) u Claudine Montesin ta’ 24 sena bint missier mhux maghruf u Patricia Ali nee’ Montesin, imwielda Pieta’ nhar it-03 ta’ Frar 1986 u residenti gewwa fond Block B, Flat 2, Triq is-Sebh, Marsa u detentrici tal-karta ta’ l-identita’ numru 173386(M) gew mressqa quddiemha akkuzati talli:

Nhar id-9 ta' Marzu 2010 u fix-xhur ta' qabel din id-data, gewwa dawn il-Gzejjer:-

1. Bhala l-persuni li zammew jew qablu li jzommu xi annimali gieghlu lil istess annimali, (2 iklieb) issofru ugiegh, tbatija jew dwejjaq minghajr bzonn u talli abbandunawhom b'tali mod li nzammu ghal hafna zmien fi hmieg taghhom stess, u minghajr ilma u ikel u dan bi ksur tal-Artikolu 8 (2), Taqsima 1v, tal-Kap 439 Dwar il-Helsien ta' l-Annimali;

2. Fl-istess zminijiet, hin, lok u cirkostanzi zammew annimali jew qablu li jzommu annimali ghandhom u ma kienux responsabbli ghat-trattament xieraq taghhom u dan bi ksur tal-Artikolu 8(2) u 8(3), Taqsima 1v, tal-Kap 439 Dwar il-Helsien ta' l-Annimali.

Rat l-atti kollha ta' dan il-procediment inkluz il-kunsens tal-Avukat Generali datat 9 ta' Novembru 2010 (esebit *a folio* 5 tal-Process) sabiex il-kawza tigi trattata u deciza bi procedura sommarja.

Rat li waqt l-ezami li sarilhom fis-seduta tal-25 ta' Frar, 2011 l-imputati ddikjaraw li ma kellhomx oggezzjoni li l-kaz taghhom jigi trattat u deciz bi procedura sommarja u deciz minn din il-Qorti fil-kompetenza taghha surreferita.

Semghat il-provi;

Semghat it-trattazzjoni finali maghmula mill-Prosekuzzjoni u mid-Difiza;

Ikkunsidrat:

Illi f'dan il-kaz l-imputati jinsabu addebitati bl-imputazzjonijiet ta' mohqrija u trattament mhux xieraq tal-annimali u cioe' bir-reati kontemplati fl-Artikoli 8(2) u (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Dawn il-proceduri inbdew fil-konfronti taz-zewg imputati wara li d-Dipartiment tal-Animal Welfare ircieva diversi ilmenti rigward zewgt iklieb li kienu qed jinzammu f'kundizzjonijiet mhux xierqa f'bitha fil-fond Block B, Flat 2, Triq is-Sebh, Marsa. Mill-provi

rrizulta li zewg Spetturi minn hdan l-imsemmi dipartiment Godrick Marston u Emanuel Buhagiar[1] ghamlu spezzjoni fl-imsemmi fond fejn kienet tirrisjedi l-imputata Patricia Ali u f'din il-bitha sabu zewgt iklieb b'wiehed minnhom marbut tant qasir li bilkemm seta' jiccaqlaq. Iz-zewg Spetturi xehdu li kien hemm hafna hmieg u kien evidenti li l-klieb u l-hmieg taghhom kien ilu ma jitnaddaf ghal zmien twil. Dawn iz-zewg spetturi spjegaw ukoll li l-klieb la kellhom x'jieklu u l-anqas x'jixorbu. Mill-provi rrizulta wkoll li l-klieb kienu tal-imputata Claudine Montesin li kienet hallithom ghand ommha Patricia Ali meta hija marret tghix mal-gharus taghha u sakemm huma irrangaw il-post il-gdid li kienu sejrin joqghodu fih.

Il-Qorti jidrilha li l-Prosekuzzjoni rnexxilha tipprova lil hinn minn kull dubju dettat mir-raguni permezz tax-xhieda taz-zewg spetturi mill-Animal Welfare li z-zewgt iklieb ma kienux qed jinzammu f'kundizzjonijiet xierqa stante li kienu qed jithallew jghixu fi hmieg kbir u minghajr ma jinghataw ilma u ikel sufficjenti. Il-Qorti jidrilha li dan l-agir jammonta ghal trattament hazin u ghal kura mhux xierqa kontemplata fl-Artikolu 8(2) u (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijiet ta' Malta. Wara kollox kif ben tajjeb irrileva l-Ufficjal Prosekutur waqt is-sottomissjonijiet finali hadd ma huwa obbligat li jrabbi l-klieb izda una volta li wiehed jassumi din ir-responsabbilita' irid jaccerta ruhu li jzommhom f'kundizzjoni xierqa u cioe' f'ambjent nadif u b'ikel u xorb sufficjenti. Il-Qorti jidrilha li z-zewg imputati huma responsabbli ghal dan it-trattament hazin tal-klieb in dizamina ghaliex mill-provi rrizulta li l-imputata Claudine Montesin kienet il-propjetarja tal-imsemmija klieb u ommha ghaliex hija inghatat il-kura ta' dawn il-klieb minn bintha.

Ghal finijiet ta' piena l-Qorti izda kkunsidrat li kif spjegat l-imputata Claudine Montesin fiz-zmien in dizamina hi u ommha kellhom certu problemi familjari kif ukoll il-fatt li llum il-gurnata il-klieb ittiehdu f'ambjent aktar addattat ghalihom u l-imputata Montesin accettat li tiehu aktar kura taghhom. Il-Qorti ghalhekk jidrilha li fic-cirkostanzi

[1] Li t-tnejn xehdu waqt l-udjenza tal-25 ta' Frar 2011.

ghandha timponi piena pekunjarja fil-minimum u dan tenut kont ukoll tal-fatt li minn imkien mill-provi ma rrizulta li l-klieb kienu qed jigu mahqura fizikament jew imwegghin.

Ghal dawn il-motivi u wara li rat l-Artikolu 8 (1), (2) u (3) tal-Kap. 439 tal-Ligijet ta’ Malta l-Qorti ssib lill-imputati Patricia Ali u Claudine Montesin hatja tal-imputazzjonijiet migjuba fil-konfronti taghhom u tikkundannahom multa ta’ hames mitt ewro (€500) kull wiehed.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------